A.L. 427 ta' l-2002

ATT TA' L-2002 DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (ATT NRU. XXII TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati *Part-time*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija b'artikolu 25 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u skop tar-regolamenti.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati *Part-time*.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu: -

(a) li jipprovdu għat-tneħħija ta' diskriminazzjoni kontra ħaddiema *part-time* u biex jtejbu l-kwalità tax-xogħol *part-time*;

(b) li jiffaċilitaw l-iżvilupp tax-xogħol *part-time* u jikkontribwixxu għall-organizzazzjoni flessibbli tal-ħin tax-xogħol waqt li jieħdu f'konsiderazzjoni l-ħtiġiet tal-prinċipali u tal-ħaddiema.

Applikabilità.

2. Salv id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13, dawn ir-regolamenti japplikaw għall-ħaddiema *part-time* kollha kif definiti fl-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

Tifsir.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti:–

"Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali;

"*leave*" tfisser *leave* għal vaganzi, *leave* għall-mard, *leave* għat-twelid, *leave* f'każ ta' mewt, *leave* għaż-żwieġ u *leave* għal korriment fuq xogħol u kull *leave* ieħor li impjegat *whole-time* hu intitolat għalih;

"sigħat ta' xogħol ordinarji" tfisser sigħat ta' xogħol minbarra sahra;

Kap. 318.

"impieg prinċipali" tfisser dak l-impieg li fir-rigward tiegħu jitħallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

"*pro rata*" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija skond artikolu 2 ta' l-Att:

Iżda li:

(a) meta l-impjegat hu f'tali impjieg *part-time* bi skeda ta' ħinijiet varjabbli, in-numru ta' sigħat ta' xogħol kull ġimgħa għandu jkun l-għadd medju ta' sigħat fil-ġimgħa mifruxin fuq perjodu ta' tlettax-il ġimgħa suċċessivi li jibdew mill-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja; u

(b) meta l-impjegat ma jkunx ħadem fuq bażi *part-time* għal perjodu ta' tlettax-il ġimgħa, in-numru medju ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għandu jkun ikkalkulat fuq in-numru ta' ġimgħat li fihom kien jaħdem;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, termini u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira assenjata lilhom fl-Att.

Trattament inqas favorevoli ta' impjegati *part-time*.

4. (1) Mingħajr pregudizzju għall-provvedimenti tar-regolament 6, għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jiżgura li impjegat *part-time* ma jkunx ittrattat inqas favorevolment minn impjegat *whole-time* komparabbli:–

(a) fir-rigward tat-termini tal-kuntratt ta' impieg ta' l-impjegat; u

(b) billi jkun soġġettat għal xi detriment ieħor b'xi att, jew b'nuqqas deliberat li jagħixxi, tal-prinċipal minħabba biss ix-xogħol *part-time* ta' l-impjegat:

Iżda li xi trattament differenti jista' jkun ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi.

(2) Impjegat *part-time* li hu mħallas b'rata aktar baxxa għal sahra minn kemm hu jew għandu jkun imħallas impjegat *whole-time* komparabbli għall-istess perjodu m'għandux, għal dik ir-raġuni, jitqies li qed ikun ittrattat inqas favorevolment mill-impjegat *whole-time*

komparabbli meta u safejn in-numru totali ta' sigħat maħduma mill-impjegat *part-time* f'dak il-perjodu, inkluża s-sahra, ma jaqbiżx l-għadd ta' sigħat li l-impjegat *whole-time* komparabbli hu mitlub jaħdem f'dak l-istess perjodu, bla ma jittieħed każ ta' assenzi mix-xogħol u sahra.

Dritt li wieħed jirċievi dikjarazzjoni bil-miktub.

5. (1) Għandu jkun id-dmir tal-prinċipal li jagħti dikjarazzjoni bil-miktub lill-impjegat li jitlob tali dikjarazzjoni u li jidhirlu li l-prinċipal tiegħu seta' ttrattah b'mod li jikser dritt mogħti lilu mir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Tali dikjarazzjoni għandha tagħti r-raġunijiet għal xi differenza fit-trattament u għandha tingħata fi żmien 21 ġurnata mid-data tat-talba.

(3) Dikjarazzjoni bil-miktub magħmula skond dan ir-regolament għandha tkun ammissibbli bħala evidenza f'kull proċeduri taħt dawn ir-regolamenti.

Leave għal *Part-timers.*

6. (1) Dawk l-impjegati *part-time*, li l-impieg *part-time* tagħhom hu l-impieg prinċipali tagħhom, u li huma impjegati f'tali impieg *part-time* għal mhux inqas minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa, għandhom ikunu intitolati *pro rata* għall –

(a) vaganzi pubbliċi kollha u għall-*leave* anwali għal vaganzi, *leave* għal mard, *leave* għat-twelid, *leave* f'każ ta' mewt, *leave* għaż-żwieġ u *leave* għall-korriment fuq ix-xogħol applikabbli skond il-kondizzjonijiet ta' impieg rikonoxxuti u ta' tali *leave* ieħor stabbilit bis-saħħa ta' l-Att;

(b) xi dritt għal *bonuses* statutorji u supplementi ta' dħul oħra li jkunu intitolat għalihom impjegati *whole-time* komparabbli fuq xogħol simili ma' l-istess prinċipal skond il-kundizzjonijiet tax-xogħol rikonoxxuti applikabbli għalihom:

Iżda fejn l-oghla għadd ta' sigħat permissibbli skond il-kondizzjonijiet ta' impieg rikonoxxuti għal impjegat *part-time* hu inqas minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa, kull impjegat *part-time* f'tali impieg għandu jkun intitolat *pro rata* għall-benefiċċji skond dan ir-regolament, jekk

(a) l-impieg *part-time* hu l-impieg prinċipali ta' l-impjegat; u

(b) l-impjegat hu impjegat għal mhux inqas minn erbatax-il siegħa kull ġimgħa.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-paga applikabbli għall-impjegat *part-time* għandha tkun ir-rata bis-siegħa relatata ma' l-għadd ta' sigħat ta' xogħol li għalihom l-impjegat hu impjegat.

Komputazzjoni tad-dritt għall-*leave pro rata*.

7. (1) Id-dritt għall-*leave pro rata* ta' mpjegat *part-time* għandu jkun ikkalkolat f'sigħat bħala frazzjoni ta' l-għadd totali ta' sigħat ta' mpjegat *whole-time* komparabbli.

(2) Id-dritt għall-*leave pro rata* minn impjegat *part-time* għandu jittieħed bħala granet sħaħ ta' xogħol, bl-għadd ekwivalenti ta' sigħat jiġu mnaqqsa mill-*pro rata leave* li jkun intitolat għalih, kalkolat f'sigħat:

Iżda meta l-għadd ta' sigħat ta' *leave* li jifdal ikunu anqas mis-sigħat tax-xogħol ta' ġurnata tal-impjegat *part-time*, is-sigħat li jifdal jittieħdu bħala parti minn ġurnata tax-xogħol f'okkażjoni waħda.

Dritt li jipparteċipa f'taħriġ vokazzjonali.

8. L-impjegati *part-time* kollha li huma impjegati f'tali impieg *part-time* għal mhux inqas minn għoxrin siegħa jew 50 fil-mijja tal-gimgħa normali tax-xogħol, liema tkun l-anqas, fl-istess klassi jew kategorija ta' impjegati, għandhom ikunu intitolati biex jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ vokazzjonali ipprovduti minn jew f'isem il-prinċipal bl-istess mod li huma intitolati impjegati *whole-time* fl-istess post tax-xogħol.

Dmir ta' prinċipal li jinforma lil impjegati *part-time* b'opportunitajiet *whole-time*

9. Kull prinċipal għandu jinforma impjegati *part-time* meta jkun hemm opportunitajiet ta' xogħol *whole-time*, u impjegati *whole-time* b'opportunitajiet ta' xogħol *part-time* biex jiffaċilita trasferimenti minn *full-time* għal *part-time* jew viċi-versa fl-istess post tax-xogħol. Tali informazzjoni għandha tingħata f'waqtha biex tagħti ċans lill-impjegati japplikaw għall- vakanza.

Rifjut ta' impjegat li jaqleb għal impjieg *whole-time*.

10. Ir-rifjut ta' impjegat li jaqleb minn xogħol *part-time* għal xogħol *whole-time* u viċi-versa m'għandux minnu nnifsu jikkostitwixxi raġuni valida għat-terminazzjoni ta' l-impieg, bla preġudizzju għat-terminazzjoni ta' l-impieg ġustifikata kif preskritta fl-Att.

Tkeċċija inġusta ta' impjegat *part-time*.

11. (1) Impjegat *part-time* għandu jitqies li jkun tkeċċa inġustament jekk ir-raġuni għat-tkeċċija jew ir-raġunijiet għat-tkeċċija huma:

(a) li l-impjegat:

(i) beda proċeduri kontra l-prinċipal taħt dawn ir-regolamenti;

(ii) talab lill-prinċipal dikjarazzjoni bil-miktub taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

(iii) xehed jew ta informazzjoni f'konnessjoni ma' tali proċeduri mibdijin minn xi impjegat;

(iv) għamel xi ħaġa oħra taħt dawn ir-regolamenti f'konnessjoni mal-prinċipal jew kwalunkwe persuna oħra;

(v) allega li l-prinċipal kien kiser dawn ir-regolamenti; jew

(vi) irrifjuta (jew ippropona li jirrifjuta) li jiċċaħħad minn dritt mogħti lilu minn dawn ir-regolamenti; jew

(b) li l-prinċipal jemmen jew jissusspetta li l-impjegat għamel jew bi ħsiebu jagħmel xi waħda mill-affarijiet fis-sub-paragrafu (a) ta' dan is-sub-regolament.

(2) Meta r-raġuni jew ir-raġuni prinċipali għat-tkeċċija hija dik imsemmija fis-sub-regolament (1) (a)(v), jew (b) safejn għandha x'taqsam miegħu, allura is-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament m'għandux japplika jekk l-allegazzjoni magħmula mill-impjegat hija falza u m'hijiex magħmula *in bona fede*.

Lmenti lit-Tribunal Industrijali.

12. (1) Impjegat jista' jressaq ilment lit-Tribunal Industrijali li l-prinċipal tiegħu kiser dritt mogħti lilu minn dawn ir-regolamenti

(2) Bla ħsara għas-sub-regolament (3) ta' dan ir-regolament, it-Tribunal Industrijali m'għandux jikkunsidra lment taħt dan ir-regolament jekk ma jkunx imressaq qabel tmiem il-perjodu ta' tliet xhur li jibda mid-data tat-trattament inqas favorevoli jew ta' l-allegata tkeċċija inġusta.

(3) Għall-finijiet tal-kalkolu tad-data tat-trattament inqas favorevoli, meta terminu f'kuntratt huwa inqas favorevoli, dak it-trattament għandu jkun ittrattat bħallikieku sar f'kull ġurnata tal-perjodu li tulu t-terminu hu inqas favorevoli, iżda f'kull każ tali perjodu għandu jibda meta jiskadu tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Meta impjegat iressaq ilment taħt dan ir- regolament u l-prinċipal isostni li t-trattament hu ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi, jaqa' fuq il-prinċipal li jipprova li t-trattament inqas favorevoli hu bekk ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi.

Esklużjoni.

13. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx applikaw għal -

(a) detenturi ta' kariga politika li jitqiesu *part-time*, inklużi Membri tal-Parlament u kunsilliera Lokali;

(b) persuni li qed isegwu skemi ta' apprendistat jew skemi immexxijin mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ;

(ċ) persuni maħturin fuq bords, kummissjonijiet u awtoritajiet tas-settur pubbliku, u, jew li huma hekk maħturin għal terminu stabbilit;

(d) persuni li huma detenturi ta' kariga ġudizzjarja.

Kundizzjonijiet aktar favorevoli.

14. Dawn ir-regolamenti jkunu applikabbli mingħajr preġudizzju għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' provedimenti aktar favorevoli fi ftehim kollettiv u xi kuntratt iehor ta' mpieg jew relazzjoni ta' mpieg oħra bejn l-impjegat u l-prinċipal.

Thassir ta' A.L. 61 ta' l-1996.

15. L-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1996 dwar Impjegati *Part-time* hu b'dan imħassar.